MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 929/2003

**Godwin Spiteri Sacco**

**vs**

**Victor Spiteri Sacco**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tmintax-il lira Maltija (Lm618.00) rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur minhabba danni kkagunati fuq crane fil-fabbrika tal-partijiet, liema Danni kienu kagunati mill-konvenut;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-iltra legali datata 6 ta' Novembru 2002 u bl-imghax.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fid-29 ta' Mejju, 2003, fejn intqal illi l-allegazzjonijiet huma nfondati**

**kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi l-crane huwa propjeta` wkoll tal-konvenut;**
**Illi waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghandu jirrizulta illi l-konvenut ma ghamel ebda hsara fuq il-crane imma kien l-agir tal-attur li kkawza l-hsara.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) u fejn intqal illi l-attur Godwin Spiteri Sacco qieghed izomm il-crane, juzah, u dan minghajr ma jaghti xejn lill-konvenut, u ghalhekk l-istess konvenut qieghed jitlob l-ammont imsemmi bhala kera dovuta lilu mill-attur.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba, prezentata fil-11 ta' Gunju, 2003, fejn intqal illi l-kontro-talba qed tigi kontestata stante l-fatt li l-attur hu ko-propjetarju tal-crane imsemmija u ghalhekk jista' juzaha liberament u bla hlas sakemm ma jimpedix lill-ko-propjetarji ohrajn milli juzaw il-crane;**
**Ghal din ir-raguni l-kontro-talba tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Godwin Spiteri Sacco, Lee Ellis, Daniel Spiteri Sacco u Victor Spiteri Sacco. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur, li jigi hu l-konvenut, qed jallega li l-istess konvenut ikkagunalu danni f'overhead crane li tinsab fil-fabbrika taghhom V & G Spiteri Sacco Limited tal-Handaq Qormi. Fil-prezent l-partijiet qeghdin fil-process li jaqsmu l-affarijiet ta' bejniethom, u l-fabbrika m'ghadhiex topera.**

**2. Jirrizulta li meta l-konvenut ried imur l-Enemalta biex jaqtghu d-dawl tal-fabbika, meta nbiegh il-makkinarju, l-attur oggezzjona peress li kellu materjal fit-tinda u ried juza l-crane biex igorr dan il-materjal. Sussegwentement ftehmu u d-dawl gie imdawwar ghal fuq l-attur.**

**3. L-attur ilmeta li f'Gunju, 2002, xi hadd sgassa il-fabbrika u nsteraq tip ta' irham granit.**
**4. F'Gunju 2002 rrizulta li l-konvenut kien talab lill-attur hlas ta' insurance ta' vetturi li kienu fil-fabbrika. Hu mminaccjah illi "bis-sewwa jew bid-dnewwa" dawn il-flus kien ser johodhom. Prezenti meta sar dan id-diskors li kien hemm prezenti Lee Ellis.**
**5. Dakinhar il-konvenut kien qallu li ma riedux juza l-crane.**
**6. Gimghatejn wara l-attur sab zewg wires tal-crane maqlughin mill-main switch u wires ohrajn maqlughin mill-crane nnifisha u kien hemm ukoll il-katina nieqsa.**
**7. Il-konvenut jammetti li kien skonnetta l-wires pero' dan ghamlu wara li kienu dahlu niesa fil-fabbrika u peress illi kien iddahhal is-suspett fih. Il-konvenut kien ammetta wkoll li l-katina kien qalaghha hu.**
**8. Id-danni li qed jitlob l-attur huma ta' wiehed u sittin lira (Lm61.00) ghal spejjez tal-electrician Publius Mallia u mitejn u sebgha u tmenin lira (Lm287.00) li hallas lil J&J Gauci Limited sabiex ibattal l-irham peress li l-crane ma kienetx qed tahdem. In oltre l-attur talab mitejn u sebghin lira (Lm270.00) bhala telf ta' xoghol.**
**9. Ghandu jinghad illi l-crane in kwistjoni hija taz-zewg partijiet u l-konvenut ma kellu l-ebda dritt illi minn jeddu, minghajr ma javza jaqbad u jaghmel dak li ghamel liema agir involva lill-attur li jinkorri certa spejjez. It-Tribunal hu propens li jaccetta l-ammont li thallas lill-electrician kif ukoll l-ammont li thallas ghal garr tal-materjal, pero' mhux l-ammont ghat-telf ta' xoghol. Ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta' tlett mija tmienja u erbghin lira (Lm348.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt qed jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tlett mija tmienja u erbghin lira (Lm348.00) kif fuq inghad u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' tlett mija tmienja u erbghin lira (Lm348.00). bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------